MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 594/1998/1

**Dr Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-societa estera Masterhand Bekleidungswerke GMbH**

**Vs**

**Farrugia Textiles Co. Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex is-socjeta’ konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kkundannata li thallas lill-istess attur nomine s-somma ta’ erba mija seba u sebghin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm477.72) ekwivalenti ghal 2205.73DM dovut mis-socjeta konvenuta wara bejgh u konsenja ta’ merkanzija. Is-socjeta konvenuta thallas ukoll l-imghax legali mid-data tal-konsenja u l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datat 17 ta’ Lulju 1997, l-ittra ufficjali datat 18 ta’Novembru 1997. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 6 tal-atti) u li biha eccepiet illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine stante li, kontra dak allegat fl-avviz, ma kien hemm ebda bejgh ta' merkanzija mis-socjeta' attrici lis-socjeta konvenuta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-attur nomine spjega (a fol 11 sa fol 20 tal-istess atti) li gie inkarigat sabiex, f'isem il-mandanti tieghu li hi socjeta esetera, jaghmel din il-kawza kontra s-socjeta konvenuta sabiex din thallas l-ammont specificat fl-avviz. In konnessjoni ma dan, hu esebixxa l-fattura relattiva li ggib id-data tas-26 ta' Settembru 1996 oltre d-dokumenti kollha relattivi ghall-merkanzija, mibjugha u konsenjata lill-istess socjeta konvenuta, liema dokumenti, pero', huma bil-linwa Tedeska. Fl-istess xhieda jinghad li l-Avukat tas-socjeta' konvenuta kien informa lill-attur nomine li l-istess merkanzija kienet intbaghatet lis-socjeta' konvenuta bhala kampjuni.

Ikkunsidrat

Illi Vincent Farrugia in rappresentanza tas-socjeta' konvenuta (fol 24 et seq ibid) effettivament jsostni illi "F'dan il-kaz, baghtu l-affarijiet minn barra minghajr ma ordnajthom jiena u lanqas ma kien hemm ftehim fuq il-prezz …. Lanqas fuq il-kuluri jew inkella is-'sizes'". Hu kompla jghid li l-istess oggetti tessili kienu ntbaghtu, mid-ditta estera, bhala "publicity". Difatti l-izghar ordni li kienet saret mas-socjeta' estera kienet tammonta, bhala valur ghal Lm20,000. Inoltre waqt li asserixxa li kien normali li oggetti kampjuni jkunu akkompanjati b'fattura u dan "minhabba d-dwana", l-istess oggetti in kwistjoni "ma kienux tajbin ghal Malta" u fil-maggor parti taghhom "jew qassamnihom jew tajnihom karita".

Ikkunsidrat

Illi, dan kollu premess, jidher probabbli hafna, f'dan il-kaz, li filfatt is-socjeta konvenuta ma ghamlet ebda ordni relattivament ghall-oggetti in kwistjoni li, aktarx, intbaghtu lill-istess socjeta bhala kampjuni, generalment minghajr hlas. In rigward dan jidher li d-dokumenti esebiti mal-atti mill-attur nomine huma kollha kemm huma mahrugin mis-socjeta estera involuta li filfatt ma esebitx xi dokument li jista' jindika li saritilha xi ordni vis-à-vis l-istess oggetti.

Illi inoltre ta' min jsemmi illi hu basilari li, f'kuntratt ta' bejgh/xiri, ghandu jkun hemm ftehim bilaterali dwar l-oggett li ser jinxtara/jinbiegh kif ukoll dwar il-prezz. F'dan il-kaz, li jidher li kien wiehed li jittratta dwar konsenja unilaterali ta' oggetti kampjuni, ma irrisultax li kien hemm tali ftehim.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra l-attur nomine.

Alan Calleja
Dep Reg.